

- 
- 2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 189, 29.06.2013.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-6 ta' Frar 2014 – El Corte Ingés, SA vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-301/13 P) (<sup>1</sup>)

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) — Trade mark verbali CLUB GOURMET u CLUB DEL GOURMET — Oppożizzjoni miċħuda — Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Artikolu 181 — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)

(2014/C 175/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: El Corte Ingés, SA (rappreżentanti: J. L. Rivas Zurdo u E. Seijo Veiguela, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: O. Mondéjar Ortuño, aġġent)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (Ir-Raba' Awla) tal-20 ta' Marzu 2013, El Corte Ingés vs UASI – Chez Gerard (CLUB GOURMET)(T-571/11), li biha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Lulju 2011 (Każ R 1946/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn El Corte Ingés, SA u Groupe Chez Gerard Restaurants Ltd

**Dispożittiv**

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *El Corte Ingés SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 207, 20.07.2013.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-30 ta' Jannar 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Polymeles Protodikeo Athinon – Il-Greċja) – Warner – Lambert Company LLC, Pfizer Ellas AE vs SiegerPharma Anonymi Farmakeftiki Etaireia**

(Kawża C-372/13) (<sup>1</sup>)

(Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Domandi preliminari magħmula identiċi għal domandi li fuqhom il-Qorti tal-Ġustizzja digħà adottat deċiżjoni — Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprijetà intellektwali relatati mal-kummerċ (TRIPS) — Artikolu 27 — Oġġett li jista' jiġi protett bi privattiva — Artikolu 70 — Protezzjoni ta' oġġetti eżistenti)

(2014/C 175/22)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Qorti tar-rinviju**

Polymeles Protodikeo Athinon

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Warner – Lambert Company LLC, Pfizer Ellas AE

Konvenuta: SiegerPharma Anonymi Farmakeftiki Etaireia

## Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari – Polymeles Protodikeo Athinon – Interpretazzjoni tal-Artikoli 27 u 70 tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali relatati mal-kummerċ ("TRIPS") Anness mal-ftehim li jistabbilixxi l-"Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ" (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80) – Distinzjoni bejn l-oqsma li jaqgħu taħt id-dritt Komunitarju u dawk li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri – Qasam tal-privattivi – Prodotti kimiċi u farmaċewtiċi

## Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 27 tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali relatati mal-kummerċ, li jinsabu fl-Anness 1 C tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), li ġie ffirmat s'Marrakech fil-15 ta' April 1994 u approvat bid-deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KΕ, tat-22 ta' Diċembru 1994, dwar il-konklużjoni fisem il-Komunità Ewropea fdak li jirrigwarda l-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tagħha, ta' ftehimiet ta' negozjati multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj (1986-1994), jifforma parti mill-politika kummerċjali komuni.
- 2) L-Artikolu 27 tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali relatati mal-kummerċ għandu jiġi interpretat fis-sens li l-invenzjoni ta' prodott farmaċewtiku, bħall-komponent kimiku attiv ta' prodott mediċinali, tista', fl-assenza ta' deroga skont il-paragrafu 2 jew 3 ta' dan l-artikolu, tiġi protetta bi privattiva fil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 tal-imsemmi artikolu.
- 3) Privattiva li nkisbet sussegwentement għal talba dwar l-invenzjoni kemm tal-proċess ta' fabbrikazzjoni ta' prodott farmaċewtiku kif ukoll ta' dan il-prodott farmaċewtiku fiċċi innifsu, iżda li ngħatat biss għal dak li jirrigwarda dan il-proċess ta' fabbrikazzjoni, ma għandhiex, minħabba r-regoli msemija fl-Artikoli 27 u 70 tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali relatati mal-kummerċ, tkun ikkunsidrata, sa mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim, bħala li tkopri l-invenzjoni tal-imsemmi prodott farmaċewtiku.

<sup>(1)</sup> ĠU C 78, 15.03.2014.

## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-29 ta' Jannar 2014 – Simone Gbagbo vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire

(Kawża C-397/13 P) <sup>(1)</sup>

(Appell — Terminu — Rekwiżiti Proċedurali — Inammissibbiltà manifesta)

(2014/C 175/23)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Appellant: Simone Gbagbo (rappreżentant: J.-C. Tchikaya, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u M. Chavrier, aġenti), Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire (rappreżentant: J.-P. Mignard, avukat)

## Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (Il-Ħames Awla) tal-25 ta' April 2013, Gbagbo vs Il-Kunsill (T-119/11) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors li għandu bħala suġġett talba għal annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire (ĠU L 11, p. 36) u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi spċifici kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire (ĠU L 11, p. 1), sa fejn jikkonċernaw lill-appellantanti – Iffriżar ta' fondi – Obbligu ta' motivazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni